**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 30 ta` Settembru 2015**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Elton Taliana)**

**Vs**

**JOHANN JOSEPH BUHAGIAR**

**Kump.Nru. 453/2008**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Johann Joseph Buhagiar** detentur tal-karta tal-identita` bin-numru **447979M**, gie akkuzat talli fil-5 ta' Lulju 2007 ghall-habta tad-20:45hrs;

1. Waqt li kont fi Triq il-Kosta, Bahar ic-Caghaq l/t Naxxar volontarjament ikkagunajt hsara fuq vettura LCC 506 permezz ta' xi haga iebsa ghad-dannu ta' Justin Vassallo.

2. Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, waqt li kont qed issuq vettura numru tar-registrazzjoni ROS 157, soqt l-imsemmija vettura b'mod perikoluz u negligenti;

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tal-15 ta` Dicembru 2008 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda moghtija f'dan il-procediment;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

Qieset in-nota ta` sottomissjonijiet tad-difiza ipprezentata fil-11 ta` Mejju 2015;

**Ikkunsidrat**;

Illi in succinct dan il-kaz sehh fi Triq il-Kosta, Bahar ic-Caghaq kif gej. Nhar il-5 ta` Lulju 2007 ghall-habta ta` 20.45hrs Justin Vassallo, waqt li kien wahdu qed isuq il-vettura tieghu LCC506, ipprova jissorpassa vettura ta` kulur ahmar bin-numru ta` registrazzjoni ROS157 misjuqa mill-imputat Johann Joseph Buhagiar. Mieghu, bhala passiggiera, l-imputat kellu lil missieru Alfred Buhagiar u certu Gordon Tabone. Waqt dan it-tentat sorpass, l-imputat immanuvra b'tali mod li ma halliex lil Justin Vassallo jaqbzu u jidhol quddiemu. Izda meta f'daqqa wahda tfaccat *coach* minn faccata tieghu, Justin Vassallo ma kellux triq ohra hlief li jaghfas ghan-naha ta` gewwa bil-konsegwenza li l-vetturi missew ma xulxin u garrbu hsarat.

Konsegwenza ta` din l-istorja kollha l-imputat mbaghad volontarjament kisser il-windscreen ta` wara tal-vettura ta` Justin Vassallo bin-numru ta` registrazzjoni LCC506. Justin Vassallo, bil-biza harab minn fuq il-post bil-vettura izda l-imputat lehhaq mieghu tant illi f'hin minnhom lahqu u ostakolalu t-triq. L-imputat u missieru hargu mill-vettura u Justin Vassallo, bil-biza, rega saq u harab minn fuq il-post. Beda wkoll icempel ghall-ghajnuna fuq in-numru 112.

Sussegwentement intervjeniet il-pulizija, saru l-accertamenti mehtiega u tressqu xi nies il-Qorti fosthom l-imputat mixli bl-imputazzjonijiet odjerni.

**Ikkunsidrat**;

Id-difiza talbet l-isfilz ta` l-atti tal-procediment kontra Justin Vassallo (immarkati bhala dok 3) konkluzi bis-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell Kriminali tal-31 ta` Lulju 2008 (App. Nru. 92/08JGD).

Din il-Qorti ma taqbilx ma din it-talba stante li ma hemm xejn irregolari fl-inseriment ta` tali kopja ta` procediment. Naturalment, li ma tistax taghmel din il-Qorti ( u effettivament ma ghamlitx hekk) hu li tiskarta l-provi migjuba f'dan il-process odjern u tissosstitwixxi tali provi b'dawk migjuba fil-procediment konkluz kontra Justin Vassallo.

In oltre, d-difiza osservat li dan il-process kollu hu kolpit bl-eccezzjoni tan-*ne bis in idem* u dana peress illi l-imputat kien gia irrisponda ghas-sewqan tieghu b'decizjoni tat-Tribunal Lokali (ara dokumenti li jinsabu *a folios* 128 u 129). F'dan il-kuntest din il-Qorti fliet bir-reqqa n-nota ta` sottomissjonijiet tad-difiza tal-11 ta` Mejju 2015.

F'dan ir-rigward din il-Qorti hi tal-fehema li d-difiza ghandha ragun *in parte*. Hija kolpita bir-regola tan-*ne bis in idem* it-tieni imputazzjoni biss u cioe` dik ta` sewqan perikoluz u negligenti. Dan ghaliex id-decizjoni moghtija fil-konfront ta` l-imputat (dwar eccess tal-limitu tal-velocita`) fit-Tribunal Lokali hija naxxenti mis-sewqan propju tieghu u ghalhekk ma jistax jirrispondi darbtejn, biss u limitatament, fejn si tratta tas-sewqan tieghu.

Mhux l-istess jista jinghad ghar-reat ta` hsara volontarja addebitat lill-imputat.

**Ikkunsidrat**;

Ghal dak li jirrigwarda verzjonijiet, din il-Qorti tara illi l-verzjoni ta` Justin Vassallo hija aktar attendibbli. Din il-Qorti mhux ser toqghod tirrepeti dak li abbundantement gie osservat fis-sentenza msemmija tal-Qorti ta` l-Appell Kriminali (App. Nru 92/08JGD).

L-apprezzament tal-fatti maghmul minn dik il-Qorti huwa ineccepibbli u din il-Qorti kif presjeduta taqbel perfettament ma tali apprezzament. Il-verzjoni moghtija minn Justin Vassallo hija konfortata mill-hsarat sofferti fil-vettura tieghu u mit-telefonata li saret fuq il-linja ta` emergenza 112. Minn naha l-ohra, l-verzjoni moghtija mill-imputat, mghejjun mix-xhieda tieghu, hija verzjoni inattendibbli stante li b'din il-

verzjoni jsir sforz sabiex din il-Qorti tigi konvinta li la darba kien Justin Vassallo li originarjament holoq perikolu bis-sewqan tieghu meta ried jaghmel sorpass, allura dak kollu li sehh wara tali moment jehtieg li wkoll jirrispondi ghalieh l-imsemmi Justin Vassallo. Dan, bl-akbar rispett lejn id-difiza, ma jsegwix legalment.

Fi kliem semplici, il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi illi l-imputat kellu jirrispondi ghall-imputazzjoni ta` hsara volontarja.

Dwar id-danni sofferti u l-hsarat kagunati l-Qorti qieset dettaljatament dak kollu mressaq in sostenn ta` din il-materja, fosthom izda mhux biss, d-dokumenti li jinsabu *a folios* 99 u 100.

**Konkluzjoni**;

**Ghall-motivi premessi, l-Qorti, wara li rat l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, issib u tiddikjara lill-imputat (a) mhux hati tat-tieni imputazzjoni stante li din hi kolpita bl-eccezzjoni tan-*ne bis in idem*, u minnha tilliberah skond il-ligi; (b) hati ta` l-ewwel imputazzjoni, dik ta` hsara volontarja, izda minflok piena qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta` tlett snin mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta` Malta; in oltre (c) bis-sahha ta` l-Artikolu 24 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta` Malta, qed tordna lill-hati jhallas lil Justin Vassallo s-somma ta` seba mitt euro (€700) bhala kumpens ghad-danni sofferti minnu fl-incident mertu ta` din il-kawza.**